

# L-Istrumenti tar-Ram u l-Versatilità tagħhom

**Mark Vella**
*Għalliem tal-mużika*



Il-familja tal-istrumenti tar-ram tikkonsisti minn strumenti varji kemm fil-forma, daqs u ħoss. L-istrumenti tar-ram huma maqsuma fi tnejn primarjament, il-*high brass* u l-*low brass*. Il-*high brass* jikkonsisti fi strumenti b'tubi iqsar kif ukoll idjaq minn dawk tal-*low brass*. Dan iwassal sabiex dawn l-istrumenti jkollhom ħoss irqaq u ogħla (*high pitch*). Fost dawn l-istrumenti li jagħmlu parti mill-formazzjoni bandistika Maltija hemm it-trumbetta (*trumpet*), il-kurunetta (*cornet*), u l-kurnu (*French horn*). Min-naħa l-oħra, l-istrumenti tal-*low brass* huma magħmula minn tubi itwal u eħxen li allura jwassal sabiex dawn l-istrumenti jkollhom ħoss aktar baxx (*low pitch*). L-istrumenti ta' dil-familja li nsibu fil-baned huma t-trumbun (*trombone*), l-althorn (*baritone*), l-ewfonju (*euphonium*) u l-baxx (*tuba*).

L-istrumenti tar-ram bejn wieħed u ieħor kollha jaħdmu bl-istess mod. Spjegazzjoni sempliċi ta' kif jaħdmu hija li permezz ta' vibrazzjoni bejn ix-xofftejn tinħoloq vibrazzjoni fit-tubi tal-istrument li biha jinħoloq il-ħoss. In-noti jinbidlu permezz tal-valvi li meta jiġu magħfusa jkunu qed itawlu t-tul minn fejn tgħaddi l-vibrazzjoni. Għalkemm it-trumbun m'għandux valvi, dan xorta waħda jaħdem b'sistema li hija teoretikamnet l-istess. Id-differenza hija li minflok jiġi magħfus il-valv, tiċċaqlaq l-islajd sabiex jitwal it-tubu tal-istrument.

L-istrumenti tar-ram urew il-versatilità tagħhom fuq firxa wiesgħa ta' ġeneri mużikali. Fil-mużika klassika, it-tonijiet maestużi tal-kurnu u l-melodiji tat-trumbetta żejnu għadd ta' sinfoniji u kunċerti. It-trumbun, bil-glissandos bla xkiel u l-kwalitajiet espressivi tiegħu, ikkontribwixxa għall-mużika orkestrali kif ukoll għall-*musica da camera*. Il-*Jazz*, ġeneru ċċelebrat għall-improvizzazzjoni u r-ritmi dinamiċi tiegħu, fih jintużaw diversi strumenti tar-ram. It-trumbetta, b'mod partikolari, saret simbolu ta' *jazz virtuosity* permezz ta' leġġendi bħal Louis Armstrong u Miles Davis. Fil-qasam tal-mużika popolari, is-sezzjonijiet tar-ram ħallew marka li ma titħassarx fuq il-*Rock*, il-*Funk*, u s-*Soul*.

Nixtieq nagħlaq billi nistieden lil dawk kollha interessati li jkunu jafu iktar fuq dawn l-istrumenti u forsi jibdew jitgħallmu xi wieħed minnhom biex jersqu lejn il-Banda Imperial. It-tagħlim ta' strument mużikali huwa esperjenza li ġġib magħha diversi benefiċċji u tlaqqgħek ma' nies differenti li għandhom għal qalbhom forom diversi ta' mużika. Taqtgħux qalbkom għax it-tagħlim li jsir hu wieħed individwali u fuq bażi personali.

Nirringrazzja lill-Għaqda Mużikali Imperial talli afdawli t-tagħlim tal-istudenti tal-istrumenti tar-ram u nittama li jkun hemm ħafna iktar studenti ġodda li jibdew jitgħallmu l-mużika.

*Ħeġġu lil uliedkom jitgħallmu l-Mużika mal-Banda Imperial.*